



2021/2038(INI)

17.6.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti
(2021/2038(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Bernd Lange

(*)Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għandhom l-aktar relazzjoni ekonomika integrata fid-dinja, li hija wkoll l-akbar u l-aktar relazzjoni profonda ta' kummerċ u ta' investiment bilaterali, fejn il-kummerċ fi prodotti u servizzi jammonta għal aktar minn EUR 1 triljun fis-sena; Ifakkar li l-ekonomiji tal-UE u tal-Istati Uniti flimkien jammontaw għal aktar minn 40 % tal-PDG globali u għal kważi terz tal-flussi kummerċjali globali.
2. Jenfasizza l-importanza li nsaħħu mill-ġdid ir-relazzjoni kummerċjali trans-Atlantika tagħna bħala alleati storiċi u sħab kummerċjali, anki fid-dawl tal-kriżi attwali tal-COVID-19, bil-għan li jiġi promoss il-multilateraliżmu, titrawwem sistema kummerċjali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli u jinstabu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi globali urġenti, inkluża s-saħħa globali;
3. Jieħu nota tal-indikazzjonijiet diġà pprovduti mill-kontropartijiet tal-Istati Uniti u d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti Katherine Tai waqt is-seduta ta' smiġh dwar l-aġenda kummerċjali tal-2021 tal-amministrazzjoni Biden;
4. Itenni, f'dan il-kuntest, l-appoġġ tiegħu għall-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-UE, li timmira, anke permezz tal-aġenda trans-Atlantika tal-Unjoni, lejn sinerġiji bejn l-oġettivi tal-politika domestika u esterna f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;
5. Jidentifika lill-politika kummerċjali bħal strument ġeopolitiku strateġiku għall-aġenda trans-Atlantika; jenfasizza li l-Istati Uniti huma sieħba kummerċjali kruċjali u għalhekk jilqa' s-sinjali pożittivi mill-amministrazzjoni Biden bil-pjanijiet tagħha li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali mal-UE, u jappella għal kooperazzjoni mġedda li għandha ġġib riżultati dejjiema u konkreti fis-snin li ġejjin, filwaqt li jitqies li r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħna huma affettwati wkoll mill-interessi tas-sigurtà fil-kuntest ta' awtonomija strateġika miftuħa;
6. Jissottolinja l-bżonn li jiġu identifikati azzjonijiet konġunti bbażati fuq interessi u valuri kondiviżi kif ukoll fuq riskji u theddidiet kondiviżi bil-għan li jingħata kontribut lill-irkupru ekonomiku globali sostenibbli u inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19;
7. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi riformata s-sistema kummerċjali globali, sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi globali u li naħdmu flimkien biex niżviluppaw regoli ġodda, b'mod partikolari fir-rigward ta' Prattiki kummerċjali iġusti, peress li l-kompetizzjoni iġusta qed taffettwa b'mod qawwi lill-kumpaniji u lill-ħaddiema tagħna;
8. Jappoġġa l-approċċ ta' sħubija fit-tmexxija mal-Istati Uniti, inkluża pożizzjoni koordinata fil-konfront tar-Russja u ċ-Ċina, iffokat fuq l-insegwiment ta' interessi kondiviżi fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomiji tagħna, kif ukoll ta' inizjattivi komuni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-beni pubbliċi globali; jisħaq fuq

il-fatt li "l-ħaddiema u l-pagi", kif ukoll ktajjen ta' provvista aktar reżiljenti, sostenibbli u responsabbli, ikunu inklużi f'din l-aġenda; f'dan ir-rigward, ihegġegħ liż-żewġ naħat jikkoordinaw l-approċċ tagħhom dwar ix-xogħol furzat u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi u jikkooperaw biex itejbu r-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema u l-istandards ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali, kif ukoll fil-livell multilaterali, inkluż billi jibnu fuq l-esperjenza ta' xulxin ħalli jinfurzew dawn id-dispożizzjonijiet b'mod aktar effiċjenti;

9. Jissottolinja l-ħtieġa li jintwera li relazzjonijiet kummerċjali mtejba bejn l-UE u l-Istati Uniti se jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, speċjalment dawk li tħallew lura bil-globalizzazzjoni, u għan-negozji fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku; f'dak il-kuntest, jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jaħdmu flimkien u jallinjaw l-istrateġiji tagħhom biex joħlqu sinerġiji ta' investment, b'mod partikolari biex jiksbu tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi sostenibbli u inklużivi tal-ekonomiji tagħhom;
10. Jinnota li l-isfidi komuni bejn l-UE u l-Istati Uniti huma dejjem iżjed mhux ta' natura militari u jaqgħu fi hdn is-sħubija ekonomika tagħna; jitlob, għalhekk, li jkun hemm djalogu parlamentari trans-Atlantiku kontinwu u msaħħaħ dwar il-kummerċ bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress tal-Istati Uniti permezz ta' interazzjoni bejn il-kumitati, fi kliem ieħor bejn il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Parlament Ewropew min-naħa tal-UE, u l-Kumitat Ways & Means, is-sottokumitat tiegħu għall-kummerċ u l-Kumitat għall-Finanzi tas-Senat min-naħa tal-Istati Uniti, kif ukoll fi hdn il-qafas tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi; jitlob b'mod aktar speċifiku għall-istabbiliment ta' sottokumitat għall-Kummerċ u t-Teknoloġija fi hdn id-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi biex jikkomplementa l-parti eżekuttiva tal-Kunsill Kummerċ & Teknoloġija u biex jeżerċita l-kontroll demokratiku tiegħu;
11. Jilqa' bil-qawwa l-appoġġ tal-Istati Uniti għad-Direttur Ġenerali l-ġdid tad-WTO, Ngozi Okonjo-Iweala, u r-ritorn tal-Istati Uniti għall-Ftehim ta' Pariġi; jilqa' pożittivament is-sospensjoni temporanja ta' erba' xhur tat-tariffi tal-Airbus-Boeing, li kellhom effett negattiv sproporzjonat fuq il-prodotti agroalimentari tal-UE, bħala pass pożittiv lejn is-sejba ta' soluzzjoni dejjiema għas-sussidji għall-inġenji tal-ajru ċivili; jinnota li s-sospensjoni ta' dawn it-tariffi se tintemm f'Lulju 2021, u jhegġegħ li tinstab soluzzjoni li twassal għat-tneħħija permanenti ta' dawn it-tariffi;
12. Jilqa' r-rieda tal-Istati Uniti li jiftħu diskussjonijiet biex jindirizzaw il-kapaċità żejda globali tal-azzar u tal-aluminju; jinnota d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi ż-żieda fit-tariffi għall-importazzjonijiet tal-Istati Uniti li jikkontrobalanċjaw il-miżuri tal-Istati Uniti;
13. Jilqa' wkoll il-konklużjoni rapida tal-ftehim tad-WTO dwar il-kwoti tariffarji, li kien l-ewwel ftehim mal-Istati Uniti taħt l-amministrazzjoni l-ġdida Biden u juri r-rieda ta' din l-amministrazzjoni l-ġdida li tfittex ftehimiet mal-UE fi hdn il-qafas tad-WTO;
14. Jirrikonoxxi li fl-istess ħin għad hemm ċerti interessi diverġenti; ihegġegħ, f'dan ir-rigward, liż-żewġ naħat jirriżolvu t-tilwim bilaterali; ihegġegħ lill-Istati Uniti jneħħu l-miżuri kummerċjali unilaterali u t-theddiet ta' miżuri addizzjonali fir-rigward tat-taxxi fuq is-servizzi diġitali, joqogħdu lura milli jieħdu oħrajn, u pjuttost jiffokaw fuq dak li jgħaqqadna; jagħti importanza kbira lis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti, f'Ġunju 2021,

bħala pass 'il quddiem biex tkompli tisewwa r-relazzjoni kummerċjali tagħna u biex jiġu diskussi oqsma mhux sfruttati għal kooperazzjoni akbar;

15. Ihegġegħ lill-Istati Uniti, minkejja t-taħditiet li għaddejjin bħalissa, biex ineħħu minnufih it-tariffi tat-Taqsima 232 fuq l-azzar u l-aluminju peress li l-kumpaniji Ewropej ma jistgħux jitqiesu bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali mill-Istati Uniti u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat b'mod konġunt it-tħassib relatat mal-kapaċità żejda tal-azzar u tal-aluminju minn pajjiżi terzi; itenni, fost l-oħrajn, l-ambizzjoni tal-UE li telimina t-tariffi għall-prodotti industrijali bejn l-UE u l-Istati Uniti;
16. Filwaqt li jiddeplora l-konklużjoni tat-300 investigazzjoni u waħda dwar it-taxxi diġitali, jilqa' pożittivament is-sospensjoni tas-sitt xhur ta' ritaljazzjoni kummerċjali fuq setturi ekonomiċi bħal taż-żraben fl-Istati Membri li implimentaw taxxa fuq is-servizzi diġitali filwaqt li għaddejjin negozjati fil-qafas tal-OECD; jesprimi tħassib dwar il-lista preliminari ta' tariffi ta' ritaljazzjoni tar-Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti li tirriżulta mit-300 investigazzjoni u waħda dwar it-taxxi differenti tal-UE fuq is-servizzi diġitali, li tinkludi setturi tal-manifattura partikolarment sensitivi bħall-industrija taż-żraben u tal-ġlud, li potenzjalment jistgħu jispiċċaw jiġu esklużi mis-suq tal-Istati Uniti jekk jiġu adottati tariffi addizzjonali; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu u jikkonkludu malajr kemm jista' jkun in-negozjati fil-qafas tal-proposta tal-OECD dwar it-tassazzjoni diġitali u jsegwu l-modi kollha possibbli biex jevitaw aktar ħsara ekonomika lill-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, speċjalment fil-kuntest tal-istrateġiji ta' rkupru tal-COVID-19; iqis li minħabba l-kompetenza esklużiva tal-UE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni u t-theddidiet ta' ritaljazzjoni tal-Istati Uniti fir-rigward tal-liġijiet dwar it-tassazzjoni diġitali, approċċ komuni tal-UE huwa preferibbli minn approċċi individwali fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari sabiex tiġi evitata eskalazzjoni trans-Atlantika ulterjuri tat-tariffi;
17. Jirrikonoxxi li għad hemm opportunitajiet mhux sfruttati biex titneħħa burokrazija sinifikanti u tissaħħaħ is-sħubija ekonomika trans-Atlantika; fil-kuntest tat-tellieqa teknoloġika li għaddejjja, jisħaq fuq l-importanza ta' spazju regolatorju trans-Atlantiku ċar għan-negozji tagħna, speċjalment għat-teknoloġiji emerġenti diġitali, tal-enerġija u relatati mal-klima; jistenna li ż-żewġ naħat jindirizzaw fi djalogu t-tħassib tal-UE rigward il-US Buy American Act u l-Jones Act, inklużi l-akkwist pubbliku u l-aċċess għas-swieq għas-servizzi;
18. Jappoġġa approċċ konġunt għall-indrizzar tal-kriżi tal-COVID-19 billi, fost miżuri oħra, jiżiedu d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-vaċċini; jappella lill-UE u lill-Istati Uniti biex jaħdmu flimkien u jmexxu l-isforzi biex jindirizzaw il-kwistjoni tan-nuqqas ta' vaċċini u jiżguraw li l-vaċċini jitwasslu madwar id-dinja u lill-aktar nies possibbli malajr kemm jista' jkun; ifakkar li d-dinja qed tiffaċċja skarsezza globali ta' vaċċini; għalhekk, sabiex tinkiseb l-ekwità tal-vaċċini, jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jaħdmu mal-manifatturi biex iżidu l-kapaċità tal-manifattura globali għall-vaċċini u l-komponenti tagħhom; jappella liż-żewġ naħat joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura ta' restrizzjoni fuq l-esportazzjoni, jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-ktajjen ta' provvista, jiżguraw it-trasferimenti tat-teknoloġija meħtieġa u jtejbu t-tħejjija għal emerġenzi tas-saħħa globali futuri; ihegġegħ liż-żewġ naħat iżidu l-kooperazzjoni regolatorja biex jiffaċilitaw l-aċċess essenzjali għall-mediċini;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-amministrazzjoni Biden jappoġġaw b'mod attiv l-inizjattivi l-ġodda tad-Direttur Ġenerali tad-WTO li jikkonċernaw, b'mod partikolari, is-saħħa; jindika, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tal-Parlament dwar rinunzja potenzjali fir-rigward tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) mistqarria fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021¹;
20. Iqis, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li jiġu protetti d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali Ewropej biex tinżamm il-kapaċità tan-negozji li jinnovaw, li huwa rilevanti li jiġu eżaminati l-flessibilitajiet applikabbli kollha fi ħdan il-ftehim TRIPS bil-għan li tiżdied il-kapaċità tal-manifattura globali tal-vaċċini u tal-komponenti tagħhom; jisħaq fuq il-fatt li s-sejba ta' soluzzjonijiet dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tista' tkun biss parti waħda mir-rispons globali komuni;
21. Jissottlinja li d-WTO tibqa' l-pedament ta' sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli għall-kummerċ; jappella għal kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tar-riforma tad-WTO, inkluża r-riforma tat-tliet funzjonijiet ewlenin tagħha, li tinvolvi r-riforma u r-riintegrazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza tal-korp tal-appell u t-tisħiħ tal-funzjonijiet ta' monitoraġġ u ta' deliberazzjoni tad-WTO, billi, fost mezzi oħra, tippromwovi ftehimiet plurilaterali miftuħa;
22. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jikkooperaw biex jirregolaw il-kummerċ fil-prodotti tas-saħħa, jiżviluppaw regoli għall-kummerċ diġitali u jistabbilixxu aġenda ambizzjuża dwar il-klima u l-ambjent, fost attivitajiet oħra, billi jvaraw mill-ġdid in-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali, u jaħdmu fuq proposti komuni, fost l-oħrajn, dixxiplini dwar is-sussidji u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili;
23. Jistenna li ż-żewġ naħat jaqblu dwar riżultati konkreti għat-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO (MC12) biex id-WTO tkun lesta għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inklużi ftehim dwar is-sajd, dikjarazzjoni dwar il-kummerċ u s-saħħa, programm ta' ħidma għar-riforma tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim, programm ta' ħidma dwar is-sussidji industrijali u l-intrapriżi tal-istat, u progress sostanzjali fin-negozjati tal-kummerċ elettroniku;
24. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jaħdmu b'mod konġunt biex jaġġornaw ir-regoli tad-WTO dwar l-intrapriżi tal-istat, is-sussidji industrijali, il-kapaċità żejda u t-trasferiment tat-teknoloġija sabiex b'mod effiċjenti l-organizzazzjoni tkun adattata għall-isfidi tas-seklu 21; f'dan ir-rigward jappoġġa wkoll l-espansjoni tal-inizjattiva trilaterali mal-Ġappun u jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jmexxu koalizzjoni ta' pajjiżi tal-istess fehma fid-WTO bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar regoli ġodda, filwaqt li jiġi żviluppat ukoll strument awtonomu kontra sussidji barranin inġusti; jistenna li ż-żewġ naħat jippromwovu u jistinkaw għal ftehimiet multilaterali; jistieden lill-Istati Uniti jġeddu l-impenji tagħhom favur il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO;
25. Jinnota r-riżultat tal-ewwel laqgħa ta' livell għoli tad-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina, fejn iż-żewġ naħat tennew li r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom maċ-

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, Test adottat, P9_TA(2021)0283.

Ċina huma multidimensjonali u jinkludu elementi ta' kooperazzjoni, kompetizzjoni u rivalità sistemika; jappoġġa, kull fejn ikun possibbli, approċċ strateġiku konġunt fir-rigward taċ-Ċina, kif ukoll kooperazzjoni fi ħdan oqfsa multilaterali dwar sfidi komuni bħat-tibdil fil-klima, il-prattiki kummerċjali inġusti li jwasslu għal distorsjonijiet tas-suq u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm pożizzjoni koordinata biex jiġu indirizzati s-sussidji industrijali distorsivi – b'mod partikolari fir-rigward tal-intrapriżi tal-istat u l-kapaċità żejda f'setturi kritiċi – it-trasferimenti furzati tat-teknoloġija, is-serq tal-proprjetà intellettwali, l-impriżi konġunti obligatorji, l-ostakli tas-suq u l-projbizzjoni tax-xogħol furzat billi tiġi inkluża diskussjoni dwar il-ftehim "Phase One" (l-Ewwel Fażi) tal-Istati Uniti maċ-Ċina kif ukoll il-Ftehim Komprensiv tal-UE dwar l-Investimenti;
27. Jinnota li kwistjonijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu solvuti unilateralment jew bilateralment u jirrikjedu koalizzjoni ta' sħab tal-istess fehma fil-livell internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-WTO;
28. Jišhaq fuq l-importanza li fl-istrateġija konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti, u fi ħdan id-WTO, jiġi inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-operat tan-negozji internazzjonali; jirrimarka f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' leġislazzjoni vinkolanti dwar id-diliġenza dovuta u jitlob li l-Istati Uniti jingħaqdu u jappoġġaw dan l-approċċ tul il-katina ta' provvista;
29. Jemmen li l-UE u l-Istati Uniti għandhom isaħħu l-kooperazzjoni trans-Atlantika dwar konnettività bbażata fuq ir-regoli u sostenibbli bħala reazzjoni għall-Inizjattiva "Belt and Road" taċ-Ċina u jittama li jkun hemm kooperazzjoni futura b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett ta' standards ta' kwalità għolja;
30. Jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li tippromwovi d-djalogu u l-azzjoni komuni, tippromwovi b'mod assertiv l-interessi tal-UE u l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u tirreaġixxi għal dazji mhux ġustifikati tal-Istati Uniti, l-applikazzjoni extraterritorjali tas-sanzjonijiet, li tmur kontra d-dritt internazzjonali, u l-ostakli tas-suq; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri kummerċjali awtonomi tal-UE;
31. Jitlob, b'mod partikolari, lill-Istati Uniti biex jiżguraw li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom jkunu trasparenti, miftuħa u prevedibbli bbażati fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali;
32. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza l-proposta tagħha fuq strument li jaqta' qalb u jiġġieled azzjonijiet koerċittivi minn pajjiżi terzi u leġislazzjoni li tappoġġa kumpaniji Ewropej fil-mira ta' dawn is-sanzjonijiet u li qed joperaw f'konformità mad-dritt internazzjonali;
33. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jimpenjaw ruħhom fi djalogu ambizzjuż u jsibu qafas għal azzjoni konġunta u jfittxu ftehimiet kummerċjali u ta' investiment selettivi permezz tat-tnedija mill-ġdid ta' djalogu strateġiku ta' livell għoli;
34. Jappella għal sħubija regulatorja, ekoloġika, sostenibbli u diġitali aktar b'saħħitha permezz tal-Kunsill għall-Kummerċ u t-Teknoloġija; jappella għal ftehim dwar il-

- valutazzjoni tal-konformità, li se jkun ta' beneficiċju b'mod partikolari għall-SMEs, għal approċċ koordinat biex jiġu stabbiliti standards internazzjonali għat-teknoloġiji kritiċi u emerġenti, bħall-intelliġenza artifiċjali, u għall-kooperazzjoni regolatorja għall-kumpaniji tat-teknoloġija kbira kif ukoll għat-taxxi diġitali u globali; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw dwar l-iskrinjar tal-investment barrani f'setturi strateġiċi, inkluż fir-rigward ta' akkwiżizzjonijiet ostili potenzjali;
35. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jiskambjaw l-aħjar prattiki regolatorji; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti jkomplu bin-negozjati tagħhom dwar il-valutazzjoni tal-konformità biex ineħħu l-ostakli mhux tariffarji li huma ta' piż finanzjarju; jisħaq fuq l-importanza li ż-żewġ naħat jallinjaw u jmexxu koalizzjoni ta' sħab tal-istess fehma biex itejbu l-użu tal-istandards trans-Atlantiċi minn organizzazzjonijiet ta' standards internazzjonali;
36. Jistieden liż-żewġ naħat jużaw il-kummerċ bħala mezz biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jiksbu konverġenza 'l fuq; f'dan ir-rigward iħeġġeġ liż-żewġ naħat jikkooperaw dwar l-ipprezzar tal-karbonju u b'mod partikolari jikkoordinaw l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, u dwar miżuri effettivi kontra l-kummerċ illeċitu tal-armi u t-tisħiħ tat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-kummerċ tal-armi, inklużi l-esportazzjonijiet tal-armi tal-Istati Uniti u tal-Istati Membri tal-UE;
37. Jistieden lill-Istati Uniti u lill-UE jaħdmu flimkien fuq taxxa korporattiva globali fil-qafas tal-OECD, filwaqt li jilqa' b'mod partikolari l-ftehim milħuq mill-pajjiżi tal-G7 dwar ir-riforma tat-taxxa globali u jenfasizza l-ftehim dwar rata tat-taxxa korporattiva globali minima ta' mill-inqas 15 %, u jikkooperaw fil-ġlieda kontra prattiki kummerċjali frodulenti u dannużi;
38. Jissottolinja li sħab kummerċjali u ekonomiċi aktar b'saħħithom iwasslu għal alleanzi aktar b'saħħithom; jilqa' pożittivament l-isforzi li qed isiru miż-żewġ naħat biex il-ktajjen ta' provvista tagħhom isiru aktar reżiljenti, speċjalment fir-rigward tal-materja prima kritika;
39. Jappella għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti fir-rigward tal-Artiku, meta jitqies il-ftuħ ta' rotot ġodda ta' navigazzjoni u d-disponibbiltà possibbli ta' riżorsi naturali minħabba t-tibdil fil-klima u filwaqt li jitqies l-interess ekonomiku dejjem jikber fl-Artiku minn pajjiżi oħra, bħaċ-Ċina; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza wkoll dawn il-possibiltajiet u l-isfidi fl-Istrateġija għall-Artiku tagħha li jmiss;
40. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, bħala prattika komuni, biex tkun trasparenti fil-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Uniti billi, *inter alia*, tippubblica l-proposti kollha mibgħuta lill-Istati Uniti u billi tiggarantixxi l-involviment tal-Parlament u tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp ta' dawn il-proposti sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u taċ-ċittadini.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	17.6.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 39 - : 2 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Miroslav Číž, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Helmut Scholz, Liesje Schreinemacher, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Svenja Hahn, Michiel Hoogeveen, Joachim Schuster

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

39	+
ECR	Geert Bourgeois, Emmanouil Fragkos, Michiel Hoogeveen, Dominik Tarczyński
ID	Roman Haider, Danilo Oscar Lancini
NI	Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Jordi Cañas, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Liesje Schreinemacher, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Miroslav Číž, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Bernd Lange, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Joachim Schuster, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt
The Left	Helmut Scholz
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Heidi Hautala, Sara Matthieu

2	-
ID	Maximilian Krah
The Left	Emmanuel Maurel

1	0
ID	Herve Juvin

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni